MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 32/2010

**Motor Services Ltd. u Raymond Barbara**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Motor Services Ltd. u Raymond Barbara fis-7 ta' Settembru 2010 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fis-26 ta' Awwissu 2010, bl-ispejjez kontra l-istess Awtorità;

Ra d-dokument anness mar-Rikors promotur a fol.3 tal-process;

Ra ir-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema in linea preliminari titlob korrezzjoni f'isem l-intimat f'dawn il-proceduri fis-sens illi l-Awtorità tigi indikata bhala Awtorità ghat-Trasport f'Malta minflok Transport Malta u fil-meritu topponi ghall-appell interpost mir-Rikorrenti u titlob li l-istess jigI michud bl-ispejjez kontra taghhom, stante li: (i) it-talbiet tar-Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi d-decizjoni appellata hija legali u gusta u timmerita konferma; u li (ii) l-Awtorità ghamlet l-indagini taghha sew u b'mod responsabbli u skond dak li rrizultaha nhareg l-avviz opportun u gew imposti s-sanzjonijiet previsti fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15;

Ra li b'Digriet datat 3 ta' Mejju 2011 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-kliem "Transport Malta" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Awtorità ghat-Trasport f'Malta";

Sema' x-xhieda li taw Manuel Aquilina[1] u Raymond Barbara[2] waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011 u ra d-dokumenti esebiti minn Raymond Barbara markati Dok. "RB1"

[1] Fol. 25 sa' 27 tal-process.

sa’ Dok. “RB5” a fol. 18 sa’ 24 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ Mario Demanuele moghtija waqt is-seduta tas-7 ta’ Frar 2012[3], ix-xhieda ta’ George Farrugia moghtija waqt is-seduti tad-29 ta’ Mejju 2012[4] u tas-27 ta’ Settembru 2012[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. “GF1” sa’ Dok. “GF3” a fol. 36 sa’ 38 tal-process;

Sema’ t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra n-Nota pprezentata mill-Awtorità intimata fil-25 ta’ April 2014 permezz ta’ liema tiddikjara li ma hijiex qed tkompli topponi ghall-appell interpost mir-Rikorrenti u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-imposizzjoni tal-multa u tal-penali fil-konfront taghhom u li konsegwentement ghalhekk ma hemm ebda htiega ghall-prosegwiment ulterjuri ta’ dan il-kaz;

Ra n-Nota ta’ Cessjoni pprezentata mir-Rikorrenti fis-27 ta’ Ottubru 2014 permezz ta’ liema cedew l-appell fil-meritu izda zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Ra d-dikjarazzjoni ta’ l-Avukat Dottor Chris Cilia ghall-Awtorità intimata tas-27 ta’ Ottubru 2014, fejn iddikjara li l-Awtorità tissguerixxi li l-kawza tibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti u ghalhekk kull parti thallas l-ispejjez taghha;

Ra li fl-24 ta’ Novembru 2014 l-Avukat Dottor Martin Fenech ghar-Rikorrenti iddikjara li l-istess Rikorrenti jaqblu li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti izda li jitolbu li tinghata sentenza f’dan is-sens;

Ra l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkonsidra**:

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti jikkontestaw decizjoni ta’ l-Awtorità intimata datata 26 ta’ Awwissu 2010, li biha a tenur ta’ l-Avviz Legali 43 ta’ l-2008 u tal-partita 11 tat-Tieni Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 l-Awtorità intimata ippenalizzat lit-tester Raymond Barbara b’total ta’ mitt punt ta’ penali, ekwivalenti ghall-multa amministrattiva ta’ €1,100 imposta fuq is-socjetà Rikorrenti, fid-dawl tan-nuqqasijiet riskontrati fil-*post VRT inspection* li saret minn ufficjali ta’ l-Awtorità fuq il-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni EAD-736 fl-24 ta’ Awwissu 2010, senjatament li kien hemm *steering Box completely loose* u *left spring brushes worn* out. Ir-Rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom mill-imsemmija decizjoni fuq l-aggravji li: (i) il-konkluzzjonijiet li wasslu ghalihom il-Land Transport Directorate fi hdan l-Awtorità intimata huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u huma zbaljati fuq livell tekniku; u li (ii) l-isteering box ma kienx *completely worn out* u jekk kien hemm xi caqliq dan huwa rizultat ta’ uzu ossia, *wear and tear*, u l-*left spring brushes ma kienux worn out*.

L-Awtorità intimata topponi ghall-appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni taghha tas-26 ta’ Awwissu 2010 u titlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrenti, stante li (i) it-talbiet tar-Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi d-decizjoni appellata hija legali u gusta u timmerita konferma; u li (ii) l-

[2] Fol. 28 sa’ 30 tal-process.
[3] Fo. 32 u 33 tal-process.
[4] Fol. 39 u 40 tal-process.
[5] Fol. 42 sa’ 48 tal-process.

Awtorità ghamlet l-indagini taghha sew u b'mod responsabbli u skond dak li irrizultaha nhareg l-avviz opportun u gew impost is-sanzjonijiet previsti fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.

Minkejja l-kontestazzjoni originali da parte ta' l-Awtorità intimata, permezz ta' Nota ipprezentata fil-25 ta' April 2014 l-istess Awtorità iddikjarat li ma hijiex qed tkompli topponi ghall-appell in kwistjoni u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-imposizzjoni tal-multa u tal-penali fil-konfront tar-Rikorrenti, u li konsegwentement ghalhekk ma hemm ebda htiega ghall-prosegwiment ulterjuri ta' dan il-kaz **u** waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 l-Avukat Chris Cilia ghall-Awtorità intimata ddikjara li l-Awtorità tissguerixxi li l-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti u ghalhekk kull parti thallas l-ispejjez taghha.

Fid-dawl tan-Nota tal-25 ta' April 2014 ir-Rikorrenti, permezz ta' Nota ta' Cessjoni ipprezentata fis-27 ta' Ottubru 2014, cedew il-meritu ta' l-appell izda zammew ferm il-kap ta' l-ispejjez u in segwitu, waqt is-seduta tas-24 ta' Novembru 2014, iddikjaraw li jaqblu mas-suggeriment ta' l-Awtorità intimata li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

It-Tribunal ghalhekk iqis illi fid-dawl tan-Nota ta' Cessjoni tas-27 ta' Ottubru 2014 huwa ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta' l-appell odjern u li fid-dawl tal-qbil bejn il-partijiet kontendenti dwar l-ispejjez tal-proceduri, tali spejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejniethom.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu ta' l-appell odjern, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------